XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 25**
**30 ta' Ottubru 2014 fl-3:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-3:30 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Uffiċjali:**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

Intqgħalet it-Talba

1. **Culvert ta' l-ilma fi Triq San Bert**

   Is-Sindku informa lil Kunsilliera prezenti li l-Perit inkarigat mix-xogħol ta' San Bert bgħat e-mail li l-istima tal-culvert ser tigi tiswa €55,000. Il-Kunsill ser joħrog €25,000 u l-Ministeru għal Għawdex ser joħrog il-bqija ta' l-ispejjez. Is-Segretarja infurmat lil Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa b'dan permess ta' e-mail ukoll. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li kif it-triq ser tkun maqlugha issir il-culvert ukoll biex tigi solvuta l-problema ta' l-ilma tax-xita f'dik it-triq. Il-Kunsilliera prezenti qablu. Il-Kunsillier George Zammit cempel dak il hin li ma setghax ikun prezenti izda cempel waqt il-laqgħa u waqt li kien fuq il-linja s-Sindku staqsih jaqbilx fuq l-

email li intbghatet fuq il-culverts u George Zammit wiegeb fil-positiv. Il-Kunsilliera qablu li ghandha tigi infurmata ukoll dak il-hin il-Vici Sindku peress li kienet skuzata ukoll fuq l-opinjoni tagħha. Is-Segretarja ippruvat tagħmel kuntatt magħha imma ma qabditix. Il-Kunsill qabel li tintbgħatilha e-mail biex tirrispondi fuq l-opinjoni tagħha ukoll. Il-bqija tal-Kunsilliera qablu fuq dan biex issir il-culvert u dan ukoll fuq parir li inghata l-kunsill mingħand l-accountant tal-Kunsill. Il-culvert ser issir peress li l-kunsilliera prezenti kollha qablu ma dan.

## 2. Gemillagg

Is-Segretarja infurmat li irceviet tlett kwotazzjonijiet ghal-akkomodazzjoni tal-gemillagg. Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni tad-Downtown Hotel.

## 3. Affarijiet Oħra

Is-Sindku infurma lil Kunsilliera prezenti dwar Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015 li l-ewwel sejħa tagħlaq fl-14 ta' Novembru biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal fondi fuq il-Karnival 2015. Is-Segretarja nfurmat li bghatet il-memo lil kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jsir il-Karnival fix-Xewkija l-Ħadd 15 ta' Frar 2015 filghodu biss bhas sena l-ohra.

Is-Sindku infurma lil Kunsilliera prezenti li Elaine Zammit Haber bgħatet e-mail biex issir esebizzjoni ta' Ritratti ghal Zmien il-Milied bl-isem 'Palestina, realta' f'ritratti' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Dan biex jsir xi haga fix-Xewkija bhal irħula oħra fi zmien il-Milied. Din l-esebizzjoni ser titella fil-Gozitano Complex, Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandha issir din l-esebizzjoni.

Il-Kunsilliera prezenti qablu li jigi approvat l-kontijiet fuq xogħlijiet fil-Pjazza San Gwann Battista għal-umbrella wara li saru x-xogholijiet neccessarji.

## 4. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fis-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA